# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru 13**

**Cit. Nru. 2370/2000 GCD**

**Atlas Insurance Agency Ltd.**

**Vs**

**Fama Holdings Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici favur is-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm1,801.24 ghall-premia ta' poloz ta' assigurazzjoni lilha mibjugha li ghalkemm interpellata sabiex thallas hija baqghet inadempjenti, nonostante li weghdet li sejra thallas tramite r-rapprezentant gudizzjarju taghha, l-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia LL.D. diversi drabi;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni ta' l-attur nomine s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Talbet illi l-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, u

2. tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm1,801.24 (elf tmien mija u lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti premia ta' poloz ta' assigurazzjoni lilha mibjugha fuq istruzzjonijiet taghha;

Bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2000 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk ta' zewg ittri legali tal-11 u 27 ta' Settembru 2000 kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm